MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 141/2002/1

**AG Enterprises Ltd**

**Vs**

1. **Brinx Limited**
2. **Saviour sive Sammy Gatt, bhala konsenjatarju tal-vettura tal-marka "Ford KA", numru tar-registrazzjoni IBF - 943**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti prevja dikjarazzjoni illi l-vettura tal-marka "Ford KA" numru tar-registrazzjoni IBF – 943 tappartjeni fi proprjeta' esklussiva lis-socjeta' attrici, kif ukoll prevja dikjarazzjoni illi s-socjeta' attrici ma hiex debitrici lejn is-socjeta' konvenuta, dina l-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 22/2002 NSipprezentat quddiem dina l-istess Qorti mis-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Jannar, 2002, fil-konfront tas-

socjeta' Regina Bianca Limited, Antonio Tudisco u Rosalia di Grazia (Dokument "A"), in kwantu giet elevata mill-poter tas-socjeta' attrici l-fuq imsemmija vettura proprejta' esklussiva taghha, hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, u konsegwentement tordna lill-konvenut konsenjatarju sabiex jirrilaxxa l-istess vettura a favur tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza l-valur ma jeccedix l-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500).

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha, in vista tal-fatt illi s-socjeta' attrici giet rimpiazzata bil-vettura meritu tal-kawza odjera, fil-mori tal-kawza, cediet biss il-meritu tal-istess kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jew min minnhom iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti jew min minnhom naqsu u ma dehrux, la fid-19 ta' Novembru, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.

Anthony Zammit
Dep Reg.